

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kull parti għandha tħati l-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 178, 1/06/2015, p. 29.

---

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Mejju 2015 – ZZ u ZZ vs Il-Kummissjoni****(Kawża F-81/15)**

(2015/C 262/57)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: ZZ u ZZ (rappreżentanti: T. Bontinck, A. Guillerme, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Il-konstatazzjoni tal-illegalità tal-Artikolu 45 u tal-Anness I tar-Regolamenti tal-Persunal u l-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ħatra li r-rikorrenti ma jiġux inklużi fil-lista tal-uffiċjali promossi fil-grad ta' AST10 fil-kuntest tal-proċedura ta' promozzjoni annwali 2014.

**Talbiet**

- Prinċipalment: jikkonstata l-illegalità tal-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Anness I, kif ukoll tal-miżuri tranżitorji marbuta magħhom;
  - jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, tal-14 ta' Novembru 2014, li r-rikorrenti ma jiġux inklużi fil-lista tal-uffiċjali promossi fil-grad ta' AST10, fil-kuntest tal-proċedura ta' promozzjoni annwali 2014 prevista fl-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal;
  - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
  - sussidjarjament: tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, tal-14 ta' Novembru 2014, li r-rikorrenti ma jiġux inklużi fil-lista tal-uffiċjali promossi fil-grad ta' AST10, fil-kuntest tal-proċedura ta' promozzjoni annwali 2014 prevista fl-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal;
  - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
- 

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Ġunju 2015 – ZZ et vs Il-Kummissjoni****(Kawża F-85/15)**

(2015/C 262/58)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: ZZ et (rappreżentant: C. Mourato, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### **Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annnullament tad-deċiżjoni li ma jiġux ammessi r-rikorrenti għall-istadju ta' evalwazzjoni tal-kompetizzjoni EPSO/AD/204/10, wara ftuħ mill-ġdid ta' din il-kompetizzjoni minn EPSO wara l-annnullament mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tad-deċiżjoni inizjali li ma jiġux ammessi r-rikorrenti għall-fażi ta' evalwazzjoni tal-kompetizzjoni kif ukoll il-kumpens għad-danni lir-rikorrenti għad-danni morali u materjali allegatament imġarrba.

### **Talbiet tar-rikorrenti**

- jannulla d-deċiżjonijiet, tal-25 ta' Lulju 2014, tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni EPSO/AD/204/10 indirizzati lil kull wieħed minnhom;
  - jagħti lil kull wieħed mir-rikorrenti kumpens provviżorju ta' EUR 1 000,00, bħala dannu morali, u kumpens provviżorju ieħor ta' EUR 227 899,50 bħala dannu finanzjarju;
  - jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
- 

### **Rikors ippreżentat fil-15 ta' Ġunju 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-87/15)**

**(2015/C 262/59)**

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### **Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: L. Levi, A. Tymen, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### **Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annnullament tad-deċiżjoni li ma jiġix estiż ir-rikonoxximent tal-istat ta' marda gravi tat-tifla tar-rikorrent u kumpens għad-dannu morali u materjali allegatament sostnūt.

### **Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni tal-25 ta' Awissu 2014 tal-Uffiċċju responsabbi għall-ħlasijiet ta' Brussell, li tirrifjuta li testendi r-rikonoxximent tal-istat ta' marda gravi tat-tifla tar-rikorrent;
  - tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tal-5 ta' Marzu 2015, li tiċħad l-ilment tal-24 ta' Novembru 2014 tar-rikorrent;
  - tordna kumpens għad-dannu materjali u għad-dannu morali tar-rikorrent;
  - tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha.
-